MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1447/1992/1

**Charles Borg ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Der Schuhe Footwear Ltd.**

**Vs**

**Francis Vella u Joseph Vella bhala Diretturi ghan-nom u rappresentanza tas-socjeta' "Express Trailers Limited" u b'digriet tat-3 ta' Mejju 1993 Dr. Rachele Spiteri Bonello u l-P.L. Vira Lungaro Mifsud gew kjamati fil-kawza biex jirrapprezenaw lill-assenti Giuseppe Ferrara.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur nomine premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi is-socjeta’ konvenuta kienet giet inkarigata titrasporta mill-Italja ghall-Malta partita merkanzija (groupage) konsistenti f’zewg pakkett gilda destinati ghall-istanti nomine u dana taht il-kondizzjonijiet maghrufa bhala CMR Rules;

Premess illi skond l-istess CMR Rules il-konvenuti nomine bhala “carriers” huma responsabbli “for the total or partial loss of the goods ………” u anke ghall-hsarat kagjonati fil-merkanzija waqt illi dina tkun fil-kontroll taghhom;

Premess illi l-konvenuti nomine naqsu milli jikkonsenjaw il-merkanzija lid-destinatarju taghha, l-istanti nomine, il-ghaliex allegatament waqt illi dina kienet fil-pussess u taht il-kontroll taghhom fi trieqtha lejn Malta giet misruqa;

Premess illi bhala rizultat ta’ l-inadempjenza da parte tal-konvenuti nomine s-socjeta’ attrici sofriet danni kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghal liema danni il-konvenuti nomine huma unikament responsabbli.

Talab ghalhekk l-istess attur nomine lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjarahom unikament responsabbli ghad-danni kollha li sofra l-attur nomine fil-merkanzija tieghu meta dina kienet fil-kontroll attwali taghhom u li allura kienu responsabbli ghaliha kif fuq inghad;

2. Jigu likwidati d-danni kollha sofferti mill-attur nomine;

3. Sussegwentement jigu kkundannati jhallsu lill-attur nomine d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ Gunju 1992 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine illi fiha huwa eccepixxa:-

Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu respinti billi l-incident li ta lok ghan-nuqqasijiet mertu tal-kawza gara waqt li l-merkanzija kienet qed tigi trasportata mis-subcontractor, cjoe Ferrara Giuseppe ta’ Via Magna Grecia, Reggio Calabria kif jirrizulta mid-dokument ta’ trasport u ghalhekk jkun opportun li dan jigi msejjah fil-kawza.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess n-nuqqasijiet graw minhabba ragunijiet barra l-kontroll tal-konvenut nomine u ghalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jigu respinti.

Fit-tielet lok l-attur ghandu jipprova illi huwa kien il-proprjetarju tal-merkanzija li qed jallega li naqset.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut nomine, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-3 ta’ Mejju, 1993 li permezz tieghu gew nominati bhala kuraturi l-Avukat Dottor Rachele Spiteri Bonello u l-Prokuratur Legali Vera Lungaro Mifsud biex jirraprezentaw lill-assenti Giuseppe Ferrara;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi Avukat Dottor Rachele Spiteri Bonello u l-Prokuratur Legali Vera Lungaro Mifsud li permezz taghha eccipew:-

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti ta’ dan il-kaz u qeghdin jirrizervaw id-dritt li jressqu l-provi taghhom wara li jaghmlu l-verifiki mehtiega;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kuraturi u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbal tal-25 ta’ Jannar, 1999 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Permezz ta’ din l-azzjoni l-atturi nomine qeghdin jippretendu rizarciment ghad-danni sofferti peress illi s-socjeta’ konvenuta, nkarigata mit-trasport tal-merkanzija, importata mill-Italja, naqset li tikkonsenjaha.

L-atturi nomine ippremettew illi l-garr huwa regolat taht il-provvedimenti tac-CMR u kwindi t-trasportatur huwa responsabbli ghal dak li jigri fil-merce meta din tkun taht il-kontroll tieghu.

Issa huwa minnu li l-Artiklu 17 (1) tac-CMR ossija l-“Convention Relative au Contrat de Trasport International de Marchadises par Route” jiddisponi illi “*The carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for damages thereto occuring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery*”.

Daqstant iehor pero’ l-istess konvenzjoni, bhal kull konvenzjoni jew ligi ohra, tahseb ukoll ghall-ezoneru mir-responsabilita’ jekk it-telf, dannu jew dewmien ikun il-konsegwenza, inter alia, ta’ “*circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent*” (Art 17 (2)).

F’sitwazzjoni bhal din l-oneru tal-provi jinkombi b’logicita` lit-trasportatur (Art 18 (1)).

Fl-ispjega li jaghtu l-awturi Hill u Massent fil-ktieb taghhom “**<u>CMR: Contracts for the International Carriage of Goods by Road</u>**”, Lloyd’s of London Press Ltd, 1984,

pagna 68, "ic-cirkostanzi", li ghalihom jirreferi l-artikolu citat 17 (2), jkopru zewg sitwazzjonijiet distinti, definiti bhala "<u>force majeure</u>" u "<u>cas fortuit</u>". Dwarhom jinghad dan:-

"*The former indicates something imposed upon the carrier by a third party with either de facto or de jure coercive power. This would include Act of State, governmental requisition or the effect of strikes or other industrial action. However, it will also cover an accidental occurrence which is foreign to the normal course of events in the environment in which it occurs, an event which is neither within the power of man nor his judgement to forsee or prevent, such as an accident of nature. 'Cas fortuit', on the other hand, is an accidental occurrence due to chance, which is extraneous to the carrier's normal activities, and which it is not possible to forsee or prevent, but which occurs during and in the course of performance of the contract, as for example, a fire in a warehouse*".

Il-vera portata ta' dawn iz-zewg kuncetti, li certi awturi jqisu sinonimi u ohrajn, li ma humiex, tircievi l-interpretazzjoni mill-ezami tad-decizjonijiet. Jigi rilevat illi gurisdizzjonijiet differenti jaghtu lil dawn il-kuncetti tifsira mhux dejjem uniformi. Kollox pero' hu rigwardat mill-ottika tal-fattispeci partikolari.

Koncettwalment pero' jidher li l-punt rikorrenti mhux tant jekk f'kazijiet konsimili l-vettural kienx, jew le negligenti, izda, u dan ghallanqas fil-kazistika Ingliza fil-kazijiet ta' serq fl-ambitu ta' dan is-suggett, jekk il-vettural "*could have avoided the circumstance and prevented the consequence*". Jekk jigi accertat li dan seta' jaghmlu, "*then he will be liable although judged by negligence standards he was not behaving unreasonably in failing to overcome the risk*" ("**Michael Galley Footwear Ltd –vs- Dominic Iaboni**" [1982] 2 All E.R. 200; "**Thermo Engineers Ltd –vs- Ferrymasters Ltd**" [1981] <u>1</u> Lloyd's Rep. 200)

Fil-ligi taghna dawn l-istess kuncetti – 'force majeure' u 'cas fortuit' huma kodifikati fl-Art. 1029 tal-Kodici Civili li

jipprovdi li "*kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara*."

Fil-kazijiet ezaminati l-iskrutinju li jsir mill-qrati huwa dak li jaraw jekk l-att kienx precedut minn att jew ommissjoni kolpuza. Jekk ma hemm l-ebda konnessjoni bejn il-fortuwitu u l-eghmil, doluz jew kolpuz ta' l-agent, allura issehh l-effikacja tal-kaz fortuwitu bhala "*mezzo liberatore della responsabilita`*" ("**Ciantar –vs- Gatt**, Appell, Sede Inferjuri, 15 ta' Mejju 1926).

Ghal kuntrarju "*quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria ommissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione ed ommissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto*" ("**Publio Azzopardi –vs- Antonio Arcicovich et**", Appell, 14 ta' Novembru 1919, "**Bezzina –vs- Grech et**", Kummerc, 7 ta' Gunju 1938; "**Costantino Fenech –vs- Camillo Gatt**", Prim'Awla, Qorti Civili; 17 ta' Mejju 1902; "**Micallef noe –vs- Gasan noe**, Kummerc, 20 ta' Jannar, 1930).

Jinsab ritenut illi "*s-serq ghandu jkun ekwiparat ghal kaz fortuwitu u ghalhekk ghandu jsofrieh il-proprjetarju tal-oggett misruq, ammenoche ma jkunx hemm xi htija ta' min kien depozitarju ta' dak l-oggett li titfa' l-htija fuqu ta' dak il-kaz fortuwitu*" ("**C. Bianco –vs- Carmelo Ciantar**", a Vol XXXII pI p532; "**Giuseppe Lia –vs- Peter Endrich**" a Vol XLI pII p998).

Fil-kaz de quo l-atturi nomine ghandhom favur taghhom l-ammissjoni tal-konvenut nomine u tal-kjamat in kawza li l-merce insterqet. Ghalhekk kif jinghad fil-Konvenzjoni u anke fil-gurisprudenza taghha tmiss lil dawn il-prova li s-serq sar, u li dan kien ghalihom, mhux biss imprevidibbli, imma anke inevitabbli. (Kollezz, **XXXI pIII p168**).

Bhala konsiderazzjonijiet ta' fatt fil-kaz in ezami ghandna x-xhieda tal-kjamat in kawza Giuseppe Ferrara, sotto-

kuntrattur tas-socjeta' konvenuta, li xehed li l-merce, flimkien mat-trailer u z-ziemel tieghu nsterqu waqt rapina segwita fuq il-konducent Antonio Calandruccio, impjegat tieghu (fol 43 u fol 59).

Id-dokumenti esebiti jaghtu resokont dettaljat ta' dak li effettivament issucceda.

Mill-verbal ta' l-att denunzjat (fol 64) l-istqarrija tal-konducent (fol 66), u t-twegibiet ta' l-istess konducent ghal mistoqsijiet posti lilu (fol 68) insibu dan:-

(i) Fit-8 ta' Novembru 1991 waqt li kien fi triqtu lejn Reggio Calabria l-konducent htieglu jieqaf biex jistrieh mill-vjagg. Fil-fatt waqaf vicin Salerno fil-vicinanzi tad-ditta Surace AGIP ta' Saraceno.

(ii) Jinghad li l-post tal-fermata kien wiehed aktar sikur minn ohrajn "*come lo ritenevano e lo ritengono autisti di provata esperienza, capacita` e correttezza morale*".

(iii) Hawnhekk is-sewwieq raqad ghal xi hin, u meta gie biex jinzel mill-'autocarro', halli jmur jahsel wiccu gie akkostat minn wara minn terzi injoti armati, li ippuntawlu oggett metalliku, u li skond il-konducent, huwa ippresuma li kienet pistola. Fic-cirkostanzi minhabba t-theddid ricevut, huwa obda l-ordni taghhom u rega' rikeb it-trukk. Hawn ghammduh u rabtulu jdejh, u wara xi sieghat huwa gie mitluq fi Triq San Saverino, hdejn Poggioreale. Minn hemm erhila fl-istazzjon tal-Pulizija fejn iddenunzja l-malfatt.

(iv) Is-sewwieq, li sofra xi griehi f'dan l-incident, qatt ma kellu incidenti ta' din ix-xorta qabel dak in disamina u lanqas qatt kellu precedenti penali.

Dawn il-konsiderazzjonijiet ta' fatt iwasslu ghal prova li trid il-ligi u ghal konvinzjoni illi l-kaz, kif spjegat ma jittrattax minn semplici serqa li avverat bi htija tal-konducent jew li b'diligenza u attenzjoni huwa seta' jevita. Fil-fattispecie tieghu il-fattezzi f'dan il-kaz huma ben differenti minn

dawk, ad exemplum, ravvizati fid-decizjoni “**Paul Musu` nomine –vs- Francis Vella et nomine**”, Appell, 4 ta’ Dicembru 1998.

Dan kien kaz ta’ “rapina” bl-armi kondott direttament fuq il-persuna. F’sitwazzjoni simili l-logika u r-raguni jiddettaw li l-persuna rapinata ghandha kull dritt thares l-inkoluminita` taghha minn kull perikolu jew riskju ghal hajjitha. Kienet serqa kwalifikata bil-minaccja u bil-“vjolenza” kif ahjar imfissra fl-Artikolu 262 tal-Kodici Kriminali taghna. Ic-cirkostanzi li sab ruhu fihom il-konducent kienu specjali. L-ezistenza tal-kostringiment impost fuqu jeskludu n-negligenza u jirrendu l-incident inevitabbli.

Effettivament dan ma setax ikun mod iehor ghax kif jillustra b’ezamplifikazzjoni Hodgon J. fis-sentenza precitata “**Michael Galley Footwear Ltd –vs- Domenic Iaboni”**, “*had the driver remained with the lorry but been overpowered by armed robbers then the carriers would have been excused liability*”.

Gialadarba ghalhekk ma giex provat illi ghas-serq tal-merce de quo ikkontribwew l-konvenuti nomine jew l-imsejjah fl-kawza bil-htija taghhom, is-serq jikkostitwixxi l-kaz fortuwitu. Konsegwentement bis-sahha tal-principju “casus sentit dominus” sancit fl-Artikolu 1029 surreferit, il-hsara li grat ibatiha l-attur nomine.

Biex jinghad kollox lanqas gie stabbilit b’konvinzjoni jekk effettivament l-attur nomine hallasx l-import tal-valur tal-merkanzija. Dan qed jigi rilevat in kwantu meta gie kontro-ezaminat fis-seduta tat-22 ta’ Novembru 1994 hu stess ikkonferma dan:- “*Lil Cogolo* (d-ditta Taljana minghand min xtara) *ghadni ma hallasthomx minhabba din il-kwestjoni*” u fir-rigward la saru proceduri kontrih f’Malta u lanqas l-esteru.

Huwa veru li sena wara, fis-seduta tat-30 ta’ Novembru 1995, huwa jirribadixxi li d-danni kienu jammontaw ghal prezz tal-merce li kien ordna. B’danakollu ma gab l-ebda prova tal-hlas u ghalhekk xejn ma josta li l-Qorti tassumi li

gjaladarba l-proceduri de quo kienu, u ghadhom, pendenti dan il-hlas baqa' ma sarx.

Ghal dawn il-motivi:-

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad  it-talbiet attrici; bl-ispejjez jithallsu interament mill-istess attur nomine.

--------------------------------TMIEM--------------------------------